FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Frar, 2002**

**Numru 34**

**Avviz. numru 757/00JR**

**Joseph Bonnici**

**vs**

**Kevin Pepe**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Mejju, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hmistax-il lira Maltija (Lm215.00), u fejn intqal:**

**Illi filwaqt li l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Opel numru ta' registrazzjoni IAT-969 nhar it-22 ta' Settembru, 1999, fi triq Rostov, Marsa. Huwa kien unikament responsabbli ghal din il-habta minhabba imperizja,**

negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Inoltre, nqas li jiffirma il-front-to-rear declaration ghalkemm interpellat biex ihallas baqa’ nadempjenti. L-attur nefaq l-ammont indikat biex jirripara l-vettura;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult (Lm15.00) ittra interpellatorja datata 4 ta’ Ottubru, 1999 (Lm5.45) ta’ l-ittra ufficjali datata 20 ta’ Frar, 2000 (Lm11.59) u dik prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut (Lm11.50) u bl-interessi mid-data ta’ l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut fis-seduta tat-13 ta’ Gunju, 2000, iddikjara li qed jikkontesta t-talba.

Semgha x-xhieda ta’ Joseph Bonnici u Kevin Pepe.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fi Triq Rostov, Marsa, fit-22 ta’ Settembru, 1999, bejn il-vettura IAT-969 misjuqa mill-attur u l-vettura KAG-695 misjuqa mill-konvenut.

2. L-attur kien gej mill-Gudja u kien qieghed fil-karreggjata ta’ barra u jipprecedi lill-konvenut. Il-konvenut kien gej mill-Marsa u kien miexi fil-karreggjata ta’ gewwa.

3. **L-incident sehh f'dik il-parti tat-triq kwazi quddiem il-Muzew. L-attur kif irrizulta necessarjament kien fil-karreggajata ta' barra. Pero` fejn gara l-incident il-karreggjati li minnhom kien gej il-konvenut igongu mal-karreggjata li minnha kien gej l-attur.**

4. **Rilevanti f'dan il-kaz li t-Tribunal hu sodisfatt li fil-hin ta' l-incident kien hemm traffiku f'dawk l-inhawi. Jirrizulta li l-attur ma kienx qed isuq b'velocita` anzi kif xehed hu: "Qabel l-incident kont qieghed kemm kemm niccaqlaq minhabba t-traffiku tas-7.45am." Jirrizulta li l-attur kellu quddiemu truck bil-kaxxa kbira. L-attur fil-fatt baqa' miexi fid-dritt fil-karreggjata ta' barra, ghaliex f'dik il-parti il-mod kif iggongi il-karreggjata li minnha kien gej l-attur mal-karreggjati li minnha kien gej il-konvenut, huwa gradwali ferm.**

5. **Il-konvenut qed jallega li l-attur kiser fsalt quddiemu. Pero` jghid ukoll li l-angolatura ta' l-attur kienet minima. Tenut kont ta' dan, kif ukoll tal-fatt li l-attur kien miexi bil-mod ferm u kellu traffiku quddiemu, ma jirrizultax li l-attur ghamel xi manovra li biha seta jahsad lill-konvenut. Jirrizulta pjuttost li l-konvenut ma kienx attent ghat-traffiku li kien hemm quddiemu, tant li baqa' diehel fil-vettura ta' l-attur fuq wara fuq in-naha tal-lemin.**

6. **Ghaldaqstant jirrizulta li ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut.**

**7. Bhala danni jirrizulta li kien hemm erbgha u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm74.75) ghall-ispray, tlieta u sittin lira maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm63.25) ghar-riparazzjonijiet, hames liri (Lm5.00) ghas-survey, sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm26.00) ghall-spares, ghaxar liri (Lm10.00) ghar-riparazzjoni tal-bumper, u tlieta u ghoxrin lira (Lm23.00) ghall-kiri ta' vettura, li b'kollox igibu l-ammont ta' mitejn u tnejn liri Maltin (Lm202.00). Kien hemm ukoll jakkorda l-ammonti ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15.00) u hdax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm11.50) imhallsin lill-Avukat, li t-Tribunal mhux qed jakkordahom.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tnejn liri Maltin (Lm202.00), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 4 ta' Ottubru, 1999 (Lm5.45) ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Frar, 2000 (Lm11.59) u dik prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut (Lm11.50), ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**